

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14437/2/15
REV 2

JEUN 110
EDUC 307
SOC 688
EMPL 447
CULT 84
SAN 394

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Novembru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13635/15 JEUN 97 EDUC 286 SOC 634 EMPL 417 CULT 74 SAN 357

Nru dok. Cion: 11825/15 JEUN 68 EDUC 247 SOC 511 EMPL 334 CULT 45 SAN 271
+ ADD 1-7

Suġġett: Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (mill-2010 sal-2018)
- *Adozzjoni (23 ta' Novembru 2015)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (mill-2010 sal-2018), adottat mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Novembru 2015.

**Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni
dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea
fil-qasam taż-żgħażaġh (mill-2010 sal-2018)**

Il-kapital uman u soċjali taż-żgħażaġh huwa wieħed mill-ikbar assi li għandha l-Ewropa għall-ġejjieni. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jinvestu fil-potenzjal li d-90 miljun żaġżuġh u żaġżuġha Ewropej jirrappreżentaw rigward ħilet, kreattività u diversità.

Il-kriżi ekonomika tat daqqa ta' ħarta kbira liż-żgħażaġh. Żiedet id-diskrepanza bejn dawk b'iktar opportunitajiet u dawk b'inqas. Kulma jmur, uħud miż-żgħażaġh qegħdin jiġu esklużi mill-ħajja soċjali u ċivika. Aġħar minn hekk, xi żgħażaġh qegħdin jissograw li jitilfu l-interess, li jisfaw emarġinati jew saħansitra li jaqġhu għar-radikalizzazzjoni vjolenti.

Għalhekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri komplew jaħdmu flimkien fil-perjodu mill-2013 sal-2015, sabiex tittejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol, u l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni tagħhom. Quddiem id-diskrepanza soċjoekonomika li qieġħda tiżdied, il-politika trid tkompli tindirizza l-problemi soċjali kbar li qegħdin jiffaċċjaw bosta żgħażaġh. Jeħtieġ li jiġu identifikati soluzzjonijiet sostenibbli kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, li tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali u li tiġi evitata r-radikalizzazzjoni vjolenti. Dan jeħtieġ iżjed kooperazzjoni sistematika f'firxa ta' politiki fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, fosthom l-impjeg, l-edukazzjoni, it-taħriġ, in-nondiskriminazzjoni, il-politika soċjali, iċ-ċittadinanza (inkluża ċ-ċittadinanza tal-Unjoni) u ż-żgħażaġh, iżda anke l-kultura, l-isport u s-saħħa.

Mill-2016 sal-2018, il-qafas ta' kooperazzjoni għaż-żgħażaġh¹ għandu jimmira biex tingħata s-setgħa liż-żgħażaġh b'diversità li kulma jmur dejjem tiżdied, speċjalment dawk li qegħdin jissograw l-esklużjoni. Dan għandu jgħin hom isibu impjiegi ta' kwalità u jipparteċipaw fil-ħajja soċjali. Il-finanzjament tal-UE bil-programm Erasmus+ se jimxi id f'id mal-kooperazzjoni fil-politika dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, l-attivitajiet volontarji u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika. Strumenti oħra, fosthom il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI), se jipprovdu finanzjament immirat għall-inklużjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp tal-kapital uman tagħhom.

1. Introduzzjoni

L-UE tappoġġa l-impjieg, l-impjegabbiltà u l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh, speċjalment bl-aġenda tagħha għall-impjiegi, it-ħabbir u l-investment, bl-istrateġija Ewropa 2020 u permezz tal-fondi tal-UE, fosthom l-Erasmus+, il-FSE u l-YEI.

Barra minn hekk, l-UE tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri permezz ta' qafas ta' kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 165 tat-TFUE. Il-qafas ta' kooperazzjoni jappella lill-UE u lill-Istati Membri biex:

- joħlqu iżjed opportunitajiet u opportunitajiet indaqqs għaż-żgħażaġh kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol; u
- jipromwovu ċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà taż-żgħażaġh kollha.

Permezz ta' azzjonijiet li jinkludu l-ġbir ta' evidenza, it-tagħlim reċiproku u d-djalogu maż-żgħażaġh, il-qafas jappoġġa l-azzjoni fi tmien oqsma: l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi u l-impreditorija, is-saħħa u l-benesseri, il-parteċipazzjoni, l-attivitajiet volontarji, l-inklużjoni soċjali, iż-żgħażaġh u d-dinja, u l-kreattività u l-kultura.

¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018), ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1-11.

Dan ir-rapport jevalwa l-progress li sar biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-qafas ta' kooperazzjoni fil-perjodu mill-2013 sal-2015, abbażi ta' valutazzjoni tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh u ta' miżuri ta' politika li ttieħdu fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.

2. Iż-Żgħażaġħ Ewropej illum²

Mill-2013, l-effetti tal-kriżi komplew jinħassu bil-kbir miż-żgħażaġh. It-tranżizzjoni mit-tfulija għall-ħajja adulta saret iktar kumplessa u individwalizzata, xejra li żdiedet għmielha mill-2008 'l hawn. Din it-tranżizzjoni hija kkaratterizzata minn bidliet ewlenin – mill-edukazzjoni għax-xogħol, mid-dipendenza finanzjarja għall-ġestjoni finanzjarja proprja – u minn ħtieġa li tinkiseb l-awtonomija, li tesponi ż-żgħażaġh għal kundizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jvarjaw. Il-politiki għandhom jakkumpanjaw liż-żgħażaġh f'dan il-vjaġġ u jgħinuhom iwettqu l-potenzjal kollu tagħhom.

Id-data ta' hawn taħt tagħti idea tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u d-29 sena.³

Din il-ġenerazzjoni ta' żgħażaġh għandha edukazzjoni aħjar minn kwalunkwe ġenerazzjoni oħra

...

L-indikaturi dwar l-edukazzjoni juru xejriet pożittivi. Minkejja li għad hemm diverġenzi konsiderevoli madwar l-UE, issa l-waqfien mill-iskola qabel iż-żmien qiegħed jonqos.⁴

Ir-rati ta' ksib tal-edukazzjoni għolja tjebu minn 33.8 % fl-2010 għal 37.9 % fl-2014.⁵ Anke jekk ir-rata tal-qgħad fl-UE żdiedet għal dawk li għandhom edukazzjoni terzjarja, xorta waħda din tibqa' ferm iżjed baxxa minn ta' dawk bl-inqas livell ta' edukazzjoni. Madankollu, dawn il-gruppi jista' jkollhom iħabbtu wiċċhom man-nuqqas ta' biżżejjed impjeg u li jkunu kkwalifikati ż-żejjed għall-opportunitajiet li jkun hemm fis-suq tax-xogħol.

² Għad-dettalji u għas-sorsi tad-data li fuqhom hija msejsa l-analiżi, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2015)169 dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-UE.

³ Sakemm mhux indikat mod ieħor.

⁴ Skont l-indikatur tal-Eurostat għal dawk li jieqfu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien, il-persentaġġ naqas minn 13.9 % fl-2010 għal 11.1 % fl-2014 fost dawk ta' bejn it-18-il sena u l-24 sena (il-persentaġġi baqgħu għoljin b'mod partikolari fi Spanja, fl-Italja, f'Malta, fil-Portugall u fir-Rumanija).

⁵ L-Eurostat, il-popolazzjoni ta' bejn it-30 u l-34 sena li kisbu l-edukazzjoni terzjarja.

Bosta żgħażaġh jibnu networks soċjali li jgħaqqdu flimkien il-konnettività globali mal-għeruf lokali: Fl-2014, 82 % pparteċipaw f'networks soċjali fuq l-internet. Iż-żgħażaġh jinvolvu ruħhom f'għamliet ġodda ta' parteċipazzjoni politika, ta' sikwit billi jużaw il-midja soċjali, iżda għandhom it-tendenza li jivvutaw inqas mill-ġenerazzjonijiet imdaħħlin iktar fiż-żmien. Xorta waħda, ħafna jibqgħu membri attivi tal-komunità lokali tagħhom; fl-2014, madwar wieħed minn kull tnejn kienu jiffurmaw parti minn tal-inqas organizzazzjoni waħda; wieħed minn kull erbgħa jipparteċipa fil-volontarjat.⁶ Din l-istampa differenzjata tal-involviment taż-żgħażaġh tixħet dubji fuq kif jinftiehem il-kunċett taċ-ċittadinanza llum il-ġurnata.

... iżda l-kriżi ħolqot diviżjonijiet ġodda

Bosta żgħażaġh isibuha diffiċli biex isibu impjegati ta' kwalità u dan ixekkilmhom ferm fi triqthom lejn l-indipendenza. Minkejja li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kien hemm tnaqqis mill-eqel livell fl-2013, il-qgħad fost iż-żgħażaġh jibqa' problema serja: 8.7 miljun żaġhżuġh u żaġhżuġha Ewropej ma jistgħux isibu xogħol⁷ u l-proporzjon ta' daww li qegħdin jiffaċċjaw qgħad fit-tul jew xogħol part-time involontarju għadu għoli.

B'kollox, 13.7 miljun żaġhżuġh u żaġhżuġha la huma impjegati u lanqas qegħdin jittgħallmu jew jitħarrġu (NEETs).⁸ Qrib is-27 miljun ruħ qegħdin jissograw il-faqar jew l-esklużjoni soċjali. Ir-rati tal-faqar huma oġhla fost iż-żgħażaġh milli għall-popolazzjoni ġenerali u x-xogħol part-time involontarju jew il-kuntratti temporanji għal żmien twil jesponu din il-ġenerazzjoni għal riskju ta' faqar fit-tul.⁹

In-nuqqas ta' attività, il-faqar u l-esklużjoni ma jaffettwawx b'mod indaqs. Daww li jibdew il-ħajja b'inqas opportunitajiet għandhom it-tendenza li jakkumulaw iż-żvantaġġi. Iż-żgħażaġh minn sfond ta' migrazzjoni, daww li ma tantx jiksbu livell għoli ta' edukazzjoni jew iż-żgħażaġh bi problemi ta' saħħa, għandhom iżjed probabbiltà li jsiru NEETs.¹⁰ Il-qgħad fost iż-żgħażaġh li twieldu fil-pajjiż u li għandhom ġenituri immigranti huwa kważi 50 % oġhla minn ta' fost żgħażaġh oħra fl-UE.¹¹

⁶ L-Istħarriġ Flash Nru 408 tal-Ewrobarometru tal-2014.

⁷ L-Eurostat, 2014.

⁸ L-Eurostat, 2014.

⁹ *Rising inequality: youth and poor fall further behind*, OECD, 2014.

¹⁰ 'NEETs', Eurofound, 2012 u l-OECD, 2015.

¹¹ *Indicators of immigrant integration - Settling in 2015*, studju konġunt bejn l-OECD u l-Kummissjoni Ewropea.

Id-diskrepanza qiegħda tikber bejn minn banda, dawk iż-żgħażaġh li jistudjaw, huma fiduċjużi li jsibu impjeg u jinvolvu ruħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u kulturali u mill-banda l-oħra, dawk li ffit li xejn ikollhom tama ta' ħajja sodisfaċenti u li jissograw l-esklużjoni u l-emarġinazzjoni.

Dawn id-diskrepanzi qegħdin jheddu li jimminaw in-nisġa soċjali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul.¹² It-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-Ewropa jagħmilha saħansitra iktar meħtieġ u urġenti li jiġu integrati ż-żgħażaġh kollha (filwaqt li tkun irrispettata d-diversità tagħhom).

Iż-żgħażaġh li jkunu fuq in-naħa l-ħażina ta' din id-diskrepanza jsibuha diffiċli biex jesprimu l-fehma politika tagħhom. Inqas ma jkunu mgħallma dwar attivitajiet soċjali jew inqas ma jkunu involuti fihom, inqas ma jieħdu sehem fil-votazzjoni, fil-volontarjat jew fl-attivitajiet kulturali.¹³ Pereżempju, in-NEETs ikollhom inqas fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fl-attivitajiet soċjali u ċiviċi u ma jipparteċipawx daqs il-pari tagħhom.

L-ebda politika waħidha ma hija s-soluzzjoni, iżda l-politiki kollha jistgħu jgħinu

Iż-żgħażaġh kollha jistħoqqilhom opportunitajiet ġusti u indaqs, iżda dan jirrikjedi investiment fit-tul. Fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' kompetenza, l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jimmobilizzaw il-politiki kollha li jistgħu jgħinu biex jitjiebu l-prospetti taż-żgħażaġh.

Sabiex is-sinjali reċenti ta' rkupru jissarrfu fi tkabbir sostenibbli u dejjiemi, l-UE ħadet azzjoni biex jiġu xprunati l-ħolqien tal-impjegi, it-tkabbir u l-investiment, inklużi l-isforzi biex iż-żgħażaġh jiġu mgħejjuna biex jergġu jkollhom impjegi ta' kwalità. L-UE u l-Istati Membri jistgħu jibnu l-isforzi tagħhom fuq il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ,¹⁴ fuq il-Fond Soċjali Ewropew u fuq il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.

¹² *In it together: why less inequality benefits all, OECD, Mejju 2015.*

¹³ L-Istħarriġ Flash Nru 408 tal-Ewrobarometru tal-2014.

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

L-impjiegi huma kruċjali iżda mhux dejjem ikunu biżżejjed biex tiġi żgurata inklużjoni sħiħa. L-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jagħtu liż-żgħażaġh il-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol u jistgħu jgħinu biex jingħelbu l-inugwaljanzi u biex tiġi promossa mobbiltà għall-aħjar. L-isfida urġenti għall-edukazzjoni u għat-taħriġ fl-UE kollha hija li jkun hemm investiment u mmodernizzar malajr biżżejjed biex jitwettaq dan il-potenzjal.¹⁵ Il-politika dwar iż-żgħażaġh, lil hinn mill-iskejjel, tista' tgħin ukoll liż-żgħażaġh biex ikollhom taħlita tajba ta' ħiliet u biex ikunu ppreparati għall-ħajja u għax-xogħol.

Iż-żgħażaġh għandhom ikunu kapaċi jikbru f'komunitajiet inklużivi u pluralisti, li jkunu bbażati fuq il-valuri demokratiċi Ewropej, fuq l-istat tad-dritt u fuq id-drittijiet fundamentali. Sabiex jiġu ssalvagwardjati t-tolleranza, d-diversità u r-rispett reċiproku, l-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà tinvolvi azzjoni biex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin mnejn tinbet il-vjolenza estremista u biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni, inkluż billi jiġu promossi l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh.¹⁶ L-attakki terroristiċi ta' din is-sena, li twettqu f'Pariġi u f'Kopenħagen, wasslu urġenza ġdida għal dawn l-isfidi kumplessi. F'dikjarazzjoni adottata f'Pariġi f'Marzu tal-2015, il-Kummissjoni u l-Ministri tal-Edukazzjoni tal-UE impenjaw ruħhom li jieħdu aktar azzjoni sabiex jitħarsu l-valuri Ewropej.

¹⁵ Ir-Rapport Konġunt tal-2020 dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, COM(2015) 408.

¹⁶ COM(2015) 185.

3. L-azzjoni tal-UE u tal-Istati Membri mill-2013 sal-2015¹⁷

3.1. Azzjoni tal-UE: l-impjegabbiltà, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni

L-azzjoni fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE

L-impjeg taż-żgħażaġh u l-impjegabbiltà baqgħu prijoritajiet ewlenin matul il-perjodu mill-2013 sal-2015.

Sabiex jitjiebu l-eżiti fl-edukazzjoni, l-Istati Membri ħadu azzjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew biex jitnaqqas il-waqfien mill-iskola qabel iż-żmien u biex jiġi promoss il-ksib tal-edukazzjoni għolja sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. L-isforzi tagħhom kienu mirfuda mill-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll mill-programm Erasmus+. Mill-2012 'il hawn, wara Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, l-Istati Membri bdew jintroduċu miżuri biex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minn dak li jitgħallmu barra mill-edukazzjoni formali.

L-UE u l-Istati Membri ħadu l-impenn li jnaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażaġh billi jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol. Fl-2013, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ġiet introdotta bħala qafas strutturali biex iż-żgħażaġh jiġu offruti impjeg, apprendistat, skema ta' taħriġ jew tkomplija tal-edukazzjoni fi żmien erba' xhur minn meta jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jew minn meta jsiru qiegħda. Il-FSE u l-YEI warrbu minn tal-inqas EUR 12.7 biljun għall-attivazzjoni u għall-impjeg taż-żgħażaġh. Mill-2014 sal-2020, se jintefqu madwar EUR 27 biljun ta' finanzjament tal-FSE għal miżuri fil-qasam tal-edukazzjoni. Indirettament, iż-żgħażaġh se jgawdu wkoll minn finanzjament tal-FSE ta' madwar EUR 11-il biljun għal inizjattivi oħra bħall-immodernizzar tas-servizzi tal-impjeg jew bħall-appoġġ biex iż-żgħażaġh jaħdmu għal rashom. L-azzjonijiet fil-qafas tal-YEI huma mistennija jkattru l-kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet u servizzi differenti sabiex in-NEETs speċjalment jiġu meġhuna b'mod integrat.

¹⁷ Iktar dettalji jingħataw fid-dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD(2015)168) dwar ir-riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh; http://ec.europa.eu/youth/policy/implementation/report_en.htm.

Mill-2013 'il hawn, l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati kisbet l-appoġġ mis-settur privat, filwaqt li mill-2014 'il hawn, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għall-Iskemi ta' Tahriġ¹⁸ timmira li tiffaċilita t-tagħlim ta' kwalità u l-kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol. Il-Kummissjoni tejbet it-tagħrif għaż-żgħażaġh li qegħdin ifittxu impjieg, permezz tas-sistema tal-EURES għall-qsim tat-tagħrif dwar l-offerti ta' impjieg, u nediet l-inizjattiva "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" biex tgħin liż-żgħażaġh isibu impjieg barra minn pajjiżhom.

Apparti l-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, l-Istati Membri impenjaw ruħhom sabiex jiżiedu l-isforzi għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà. Bis-saħħa ta' azzjonijiet fosthom il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ, il-Kummissjoni qanqlet lis-soċjetà ċivili biex taħdem għall-inklużjoni, għaċ-ċittadinanza u għad-djalogu interkulturali. Dawn l-oqsma kollha se jgawdu minn iżjed finanzjament mill-Erasmus+. Dawn l-isforzi jimxu id f'id mal-ħidma tan-Netzwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni li huwa ffinanzjat mill-UE u li jisħaq fuq ir-rwol ta' prevenzjoni li għandha l-edukazzjoni u fuq it-tagħlim tal-ħsieb kritiku u tal-valuri demokratiċi fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni. F'dan il-kontest, il-Kummissjoni ilha tisħaq dwar l-importanza li ż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jaħsbu b'mod kritiku dwar il-messaġġi estremisti¹⁹ u tenfasizza l-potenzjal ta' Erasmus+ biex jiġu appoġġati l-mobbiltà tat-tagħlim u s-sħubijiet bejn il-partijiet ikkonċernati, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jgħinu liż-żgħażaġh jiżviluppaw reżiljenza għal fehmet estremisti²⁰.

L-azzjonijiet speċifiċi fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE ffukat fuq l-inklużjoni soċjali u fuq l-għoti ta' setgħa liż-żgħażaġh, inkluż l-aċċess għad-drittijiet u għall-parteċipazzjoni politika. Il-Kunsill appella għal kontribuzzjoni akbar min-naħa tal-politika dwar iż-żgħażaġh għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 u kkonferma li biħsiebu jinkludi aħjar lin-NEETs u jippromwovi l-impreditorija fost iż-żgħażaġh.

¹⁸ ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.

¹⁹ COM(2013) 941 'Il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni għat-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti: It-Tisħiħ tar-Reazzjoni tal-UE'.

²⁰ http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/networks/radicalisation_awareness_network/about-ran/ran-prevent/index_en.htm

Mill-2013 'il hawn, il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh kienet ta' importanza kbira fl-aġenda tal-UE dwar iż-żgħażaġh. Studju tal-Kummissjoni wera l-valur tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh għaż-żgħażaġh stess f'aspetti differenti ta' hajjithom²¹ u fl-2015, it-Tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fil-Qasam taż-Żgħażaġħ identifikat l-iżjed sfidi urġenti u appellat għal Aġenda Ewropea dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh.²² Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tressaq proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Ħidma fil-Qasam taż-Żgħażaġħ, fid-dawl tar-riżultati tal-istudji rilevanti u l-ħidma tal-grupp ta' esperti.

Fid-dawl tat-tħassib dwar l-irtirar taż-żgħażaġh mill-forom tradizzjonali ta' parteċipazzjoni, il-Kummissjoni għabret evidenza²³ li turi li xorta għadhom ħerqana li jipparteċipaw, iżda qegħdin jitolbu għal iktar mezz ta' parteċipazzjoni u għal mezz *differenti*. L-isfida għal dawk li jfasslu l-politika se tkun li jsibu l-aħjar mod kif jistgħu jwieġbu għal din it-talba. Ir-Riżoluzzjoni tal-2015 tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni politika taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa tipprovdi qafas biex tingħata tweġiba għal din l-isfida.

Mill-politika għall-bidla fil-prattika: Erasmus+

Fl-2014, l-UE nediet il-programm Erasmus+ għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport. B'baġit ta' EUR 14,7-il biljun għall-perjodu sal-2020, Erasmus+ jappoġġa l-mobbiltà għat-tagħlim ta' żgħażaġh u edukaturi li jlaħħqu l-erba' miljuni, li minnu 10 % tal-baġit huwa rriżervat għal attivitajiet taż-żgħażaġh; huwa stmat li jiġu ffinanzjati 400 000 parteċipant fi skambji bejn iż-żgħażaġh u 100 000 parteċipant fis-Servizz Volontarju Ewropew (SVE). Dan jirrappreżenta żieda ta' 80 % meta mqabbel mal-finanzjament tal-programm preċedenti Żgħażaġħ fl-Azzjoni.

Meta mqabbel ma' qabel, l-Erasmus+ qiegħed joħloq rabta aħjar bejn il-politika u l-programm. Il-programm jiffinanzja sħubijiet strateġiċi bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u jqanqal il-kooperazzjoni transsettorjali. Il-Youthpass²⁴ kompliet tappoġġa r-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u dak informali: Minn mindu nbdiet tintuża din l-għodda, l-Aġenziji Nazzjonali għaż-żgħażaġh ħarġu kważi 250 000 ċertifikat. Sabiex jitwessa' l-impatt tal-Youthpass, il-Kunsill ippropona li jiġi introdott u li jiġi appoġġat l-użu ta' għodod nazzjonali ta' rikonoxximent ispirati minnha.

²¹ Studju tal-2014, *Value of youth work in the EU*; rapporti tal-grupp ta' esperti dwar il-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażaġh u l-approċċi ta' kwalità għall-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh.

²² <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8491-2015-INIT/en/pdf>

²³ Studju tal-2013, *Youth participation in democratic life*.

²⁴ Il-Youthpass huwa għodda ta' rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali għall-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh; huwa jintuża għal proġetti ffinanzjati mill-parti għaż-żgħażaġh fl-Erasmus+. <https://www.youthpass.eu/en/youthpass/>.

It-twessigħ tal-komunikazzjoni

Permezz ta' għodod fuq l-internet kif ukoll mhux fuq l-internet, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tgħarraf liż-żgħażaġh dwar l-opportunitajiet offruti mill-politiki u mill-programmi tal-UE. Iżjed importanti minn hekk, il-Kummissjoni fittxet li tagħti widen għall-opinjoni u għall-ideat tagħhom. B'1,5 miljun viżitatur differenti fl-2014, il-Portal Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ sar is-sies ta' dawn l-attivitajiet, billi jirreklama opportunitajiet ta' volontarjat transfruntier u jagħti aċċess għat-tagħrif tal-EURES dwar offerti ta' impjieg u ta' skemi ta' taħriġ. Fl-2015, il-Kummissjoni għabret l-ideat mingħand iż-żgħażaġh fil-“Laboratorji tal-Ideat” matul il-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ, li b'mod ġenerali laħqu 137 000 ruħ fl-avvenimenti u 1,2 miljun ruħ permezz tal-midja soċjali.

Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb id-disinn u l-funzjonalità tal-Portal Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ u ta' pjattaformi oħra fuq l-internet. Il-Kummissjoni se taħdem iżjed mill-qrib ma' netwerks f'kuntatt dirett maż-żgħażaġh, fosthom in-netwerk Eurodesk li għandu 1 200 speċjalista tal-informazzjoni.

3.2. L-azzjoni mill-Istati Membri

Kulma jmur l-Istati Membri qegħdin iwettqu politiki trasversali dwar iż-żgħażaġh, bl-impjieg u l-inklużjoni soċjali u ċivika fil-qalba tat-tħassib ewlieni. L-Istati Membri ħadu bosta miżuri biex iż-żgħażaġh jiġu integrati fis-suq tax-xogħol, ta' sikwit bħala parti mill-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ u appoġġati minn fondi tal-UE li jingħataw fil-qafas tal-FSE u tal-YEI. Barra minn hekk, fl-2014, twettaq 18-il proġett pilota fuq skala żgħira bl-appoġġ dirett tal-Kummissjoni. L-Istati Membri kollha ressqu l-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Il-progress fl-implimentazzjoni tagħhom jiġi vvalutat fi ħdan is-Semestru Ewropew. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri involvew l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u żewġ terzi tal-Istati Membri involvew is-servizzi taż-żgħażaġh fis-sħubijiet li ġew stabbiliti fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Bħala tweġiba għat-tħassib dwar iż-żieda tal-esklużjoni soċjali taż-żgħażaġh, kważi l-Istati Membri kollha ħadu miżuri sabiex iżidu l-inklużjoni tan-NEETs. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ħadu l-impenn li jitjieb l-aċċess taż-żgħażaġh għal servizzi ta' kwalità u 80 % tal-Istati Membri appoġġaw il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh u ċ-ċentri taż-żgħażaġh. Madankollu, il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh għarrbet tnaqqis fil-baġits madwar l-Ewropa²⁵, filwaqt li l-ammont dejjem jikber ta' żgħażaġh li qegħdin jissograw il-faqar u l-esklużjoni jżid id-domanda għal intervent.

²⁵ Studju tal-2014, *Value of Youth Work in the EU*.

Fir-rigward tal-parteċipazzjoni, 27 Stat Membru żviluppaw mekkaniżmi għad-djalogu maż-żgħażaġh; 25 Stat Membru pprovdew appoġġ pubbliku lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u żewġ terzi tal-Istati Membri ppromwovew l-użu tal-midja fuq l-internet u pprovdew iżjed opportunitajiet għal dibattitu. Minkejja li l-Istati Membri fittxew li jinvolvev iż-żgħażaġh mill-firxa soċjoekonomika kollha kemm hi, minħabba l-parteċipazzjoni iktar baxxa b'mod persistenti fost xi gruppi, dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha għad jistgħu jagħmlu iktar biex jinvolvev lill-gruppi li mhumiex irrappreżentati biżżejjed.

4. Il-governanza u l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni dwar iż-żgħażaġh mill-2013 sal-2015

Ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kooperazzjoni jipprovdu bażi soda li minnha tista' tissokta l-kooperazzjoni dwar iż-żgħażaġh fil-livell tal-UE. Appoġġat minn evidenza u minn skambji tal-esperjenzi rilevanti, il-qafas għen biex imexxi 'l quddiem l-aġendi nazzjonali dwar iż-żgħażaġh u l-kooperazzjoni transsettorjali b'appoġġ għaż-żgħażaġh.

Sabiex l-implimentazzjoni tal-qafas tkun iżjed effettiva, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jtejbu l-qsim ta' data rilevanti u ta' evidenza oħra li mhux parti mill-qasam taż-żgħażaġh. Fl-istess ħin, jistgħu jużawhom bħala bażi għal politiki dwar iż-żgħażaġh li jkunu iżjed orjentati lejn ir-riżultati. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri għandhom jagħtu l-appoġġ tagħhom biex it-tħassib dwar iż-żgħażaġh jiġi kkunsidrat f'politiki oħra. Fil-livell tal-UE, it-tagħlim reċiproku jista' jiġi ddiversifikat, pereżempju billi jinħolqu iżjed opportunitajiet ta' tagħlim bejn il-pari, li jkunu mfassla apposta skont il-ħtiġijiet differenti tal-Istati Membri. Id-Djalogu Strutturat maż-żgħażaġh għandu jsir iktar inklużiv.

L-attivitajiet u l-istrumenti ewlenin huma analizzati fid-dettall hawn taħt.

Qafas li jstabilixxi l-aġenda

Il-qafas ta spinta kbira lill-aġendi nazzjonali dwar iż-żgħażaġh. Mill-2010 'l hawn, kważi l-Istati Membri kollha introduċew inizjattivi jew għodod f'dan il-qasam. F'żewġ terzi tal-Istati Membri, il-qafas saħħaħ mill-ġdid il-prijoritajiet tal-politika nazzjonali dwar iż-żgħażaġh u f'terz tal-Istati Membri influwenza l-livell lokali u reġjonali. 11-il Stat Membru orjentaw mill-ġdid il-politika nazzjonali tagħhom dwar iż-żgħażaġh f'konformità mal-qafas.

Il-qafas ħeġġeġ il-kooperazzjoni transsettorjali. Kważi l-Istati Membri kollha għandhom mekkaniżmi istituzzjonalizzati biex jiġi żgurat approċċ transsettorjali għall-politika dwar iż-żgħażaġh, fosthom strutturi interdipartimentali u laqgħat interministerjali regolari.

L-ewwel Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ (mill-2014 sal-2015) tal-Kunsill kellu l-għan li jixpruna l-implimentazzjoni tal-qafas, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ħadu sehem fl-attivitajiet tiegħu. 23 Stat Membru ħassew li l-Pjan ta' Ħidma rnexxielu jilħaq l-għan tiegħu u li kien jirrifletti sew il-prijoritajiet nazzjonali, iżda wħud wissew li kien hemm riskju ta' approċċi mhux koerenti jew paralleli għall-qafas ta' disa' snin.

It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza: l-iżviluppi kwantitattivi u kwalitattivi

Is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-UE titkejjel b'mod regolari abbażi ta' sensiela ta' 41 indikatur dwar il-kundizzjonijiet li qegħdin jaffettwaw liż-żgħażaġh.²⁶ Kulma jmur l-Istati Membri qegħdin jużaw dawn l-indikaturi, anki jekk dan għadu ma wassalx politiki sistematiċi dwar iż-żgħażaġh orjentati lejn ir-riżultati.

L-indikaturi u evidenza oħra ġeġja mill-Eurostat, mill-Eurofound u mis-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ewropa, partikolarment mill-analiżi mir-Riżerva ta' Riċerkaturi Żgħażaġħ Ewropej (PEYR), ser jgħinu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jidentifikaw xejriet ġodda u biex jadattaw il-prijoritajiet skonthom.

Hemm bżonn li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jaqsmu din l-evidenza ma' oħrajn li jaħdmu maż-żgħażaġh, lil hinn mill-qasam tal-politika dwar iż-żgħażaġh. Fil-livell tal-UE, il-monitoraġġ il-ġdid taż-żgħażaġh²⁷ jipprovdi aċċess għad-data fuq l-internet li jkun faċli għall-utent. Mill-2016, wiki ġdid taż-żgħażaġh se jipprovdi tagħrif aġġornat dwar il-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-programmi nazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh. Dan se jkun akkumpanjat minn Qafas ta' Indikaturi għall-Monitoraġġ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li l-ewwel data tiegħu tkun mistennija għall-aħħar tal-2015.

²⁶ SEC(2011) 401.

²⁷ http://ec.europa.eu/youth/dashboard/index_en.htm.

It-tagħlim reċiproku: skambju tal-esperjenza

L-Istati Membri tgħallmu minn xulxin, l-ewwel nett billi pparteċipaw fil-gruppi ta' esperti. Bejn l-2013 u l-2015, l-esperti indirizzaw modi kif jiġi appoġġat il-potenzjal kreattiv u innovattiv taż-żgħażaġġ, il-kontribut tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġġ għall-isfidi taż-żgħażaġġ matul il-kriżi, u l-ħidma ta' kwalità fil-qasam taż-żgħażaġġ. Is-sejbiet taw kontribut lil ħidma fil-Kunsill kif ukoll lil diskussjonijiet fil-Forum dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażaġġ.²⁸ Ir-rapport tal-2015 dwar il-ħidma ta' kwalità fil-qasam taż-żgħażaġġ²⁹ nebbaħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġġ biex jiġu żgurati soċjetajiet koeżivi³⁰, li appellaw għal għodda ta' referenza u ta' gwida dwar il-kwalità għall-organizzazzjonijiet nazzjonali għall-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġġ.

L-Istati Membri tgħallmu wkoll minn xulxin permezz ta' attivitajiet organizzati fi sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ewropa; gruppi iżgħar ta' Stati Membri organizzaw skambji speċifiċi dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, fosthom il-ħidma lokali fil-qasam taż-żgħażaġġ.

Biex jagħmel l-aħjar użu tad-diversi attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, il-pjan ta' ħidma li jmiss għandu jinkludi l-iżvilupp ta' qafas flessibbli biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni u għar-risultati tal-attivitajiet. Għandu jħeġġeġ ukoll l-użu tar-risultati u għandu jgħin biex ilaqqaq msieħba b'interessi komuni.

Djalogo Strutturat: tiżdied il-komunikazzjoni u jissejjes id-djalogo fl-aġenda ta' politika

Id-Djalogo Strutturat tal-UE bejn dawk li jfasslu l-politika, iż-żgħażaġġ u r-rappreżentanti tagħhom ġeneralment jitqies bħala għodda tajba biex iż-żgħażaġġ jingħataw widen. L-ewwel ċiklu tiegħu ta' 18-il xahar, li ntemm fl-2011, għen biex jissawru l-inizjattivi sussegwenti tal-UE dwar il-qgħad fost iż-żgħażaġġ. Bejn l-2013 u l-2015, id-Djalogo indirizza l-inklużjoni soċjali u l-għoti ta' setgħa liż-żgħażaġġ u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ġew indirizzati sussegwentement fil-Kunsill.

²⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġġ mill-2014 sal-2015.

²⁹ *Quality Youth Work - A common framework for the further development of youth work*, http://ec.europa.eu/youth/library/reports/quality-youth-work_en.pdf.

³⁰ Mejju tal-2015.

Id-Djalogu Strutturat evolva mill-2013 'il hawn u huwa msejjes aħjar fl-aġenda tal-politika dwar iż-żgħażaġh. In-numru ta' parteċipanti żdied b'iktar mid-doppju u madwar 40 000 żaġżuġh u żaġżuġha wieġbu fl-aħħar ċiklu, ħafna minnhom f'isem gruppi akbar. Barra minn hekk, qegħdin jibdedw jitnebbħu u jittfaċċaw proċessi nazzjonali ta' djalogu.

Id-Djalogu Strutturat għadu jrid jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu: Għadu ma jirnexxielux jilħaq grupp usa' ta' żgħażaġh b'inqas opportunitajiet u b'leħen politiku iżjed dgħajjef. Il-Kummissjoni tħeġġeġ iktar komunikazzjoni bis-saħħa tal-għotjiet finanzjarji tal-Erasmus+ li jappoġġaw l-isforzi nazzjonali u permezz tal-għodda ta' konsultazzjoni fuq l-internet li ġiet immedija fl-2014. Sfida oħra hija l-monitoraġġ tal-użu tar-riżultati tad-Djalogu fil-politika nazzjonali u tal-UE. Fl-aħħar nett, fl-interess tar-responsabbiltà u sabiex iż-żgħażaġh jiġu mmotivati li jibqgħu involuti, dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha għandhom jipprovdu tagħrif aħjar dwar it-tweġibiet tagħhom permezz tal-Portal Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ u tal-gruppi nazzjonali ta' ħidma. Is-sejbiet tar-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ għall-2015 u tal-evalwazzjoni interim li għaddejja bħalissa tal-qafas ta' kooperazzjoni tal-UE għaż-żgħażaġh jistgħu jnebbħu t-titjib tad-Djalogu Strutturat fil-ġejjieni.

5. It-triq 'il quddiem għall-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE (mill-2016 sal-2018)

Opportunitajiet indaqs ta' edukazzjoni, ta' impjeg u ta' parteċipazzjoni fil-komunitajiet inklużivi

Abbażi tal-prijoritajiet politiċi tal-UE, ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas, id-data u l-evidenza miġbura, u ċ-ċiklu ta' ħidma għall-ġejjieni tal-qafas ta' kooperazzjoni għandhom jiprijoritizzaw:

- aktar inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha, b'kont meħud tal-valuri Ewropej sottostanti;
- sehem akbar taż-żgħażaġh kollha fil-ħajja demokratika u ċivika fl-Ewropa;
- tranżizzjoni eħfef taż-żgħażaġh miż-żgħożija għall-ħajja adulta, partikolarment l-integrazzjoni fis-suq tax-xoġhol.

Fir-rigward ta' dawn il-prijoritajiet, u filwaqt li l-azzjoni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tiġi indirizzata lejn iż-żgħażaġh kollha, għandha ssir enfasi partikolari fuq il-gruppi li ġejjin:

- Żgħażaġħ li jissograw li jisfaw emarġinati
- Żgħażaġħ li la qegħdin jaħdmu, la fl-edukazzjoni u lanqas f'taħriġ (NEET)
- Żgħażaġħ li ġejjin minn ambjent ta' migranti, fosthom immigranti li jkunu għadhom kif waslu u refuġjati żgħażaġh.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser jieħdu azzjoni f'dawn l-oqsma, inkluż permezz tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ, l-istrumenti tal-qafas u permezz tal-kooperazzjoni ma' politiki oħra, kif jixraq, għall-promozzjoni:

- tal-inklużjoni soċjali u tal-prattiki ta' komunikazzjoni biex jintlaħqu ż-żgħażaġh minn ambjenti diversi, speċjalment dawk li jbatu minn żvantaġġi, biex jiġi żgurat is-sehem sħiħ tagħhom fl-attivitajiet soċjali u ċiviċi;
- tal-kapaċità tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, tal-organizzazzjonijiet u tan-netwerks taż-żgħażaġh li jaġixxu bħala forzi ta' inklużjoni billi jgħinu liż-żgħażaġh jinvolvu ruħhom, jagħmlu volontarjat u jixprunaw il-bidla soċjali pożittiva fil-komunitajiet;
- tar-rikonoxximent tal-ħidma ta' kwalità fil-qasam taż-żgħażaġh, billi tinbena l-kapaċità ta' komunikazzjoni u ta' reazzjoni għall-bidliet emerġenti tas-soċjetà, tal-imġiba u tat-teknoloġija;
- tal-forom ġodda ta' parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi u tal-aċċess għat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi permezz tal-għodod fuq l-internet kif ukoll mhux fuq l-internet;
- tad-domanda dejjem tevolvi għall-ħiliet, fosthom iċ-ċittadinanza, il-litteriżmu medjatiku u diġitali, il-ħsieb kritiku u l-fehim interkulturali;
- l-aċċess taż-żgħażaġh għad-drittijiet fundamentali tagħhom u l-prattika tan-nondiskriminazzjoni u l-fehim interkulturali; u

- tal-volontarjat, inkluż permezz ta' programmi tal-UE bħas-SVE u l-Inizjattiva l-ġdida tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, bħala mod li jgħaqqad flimkien it-tagħlim u l-involviment civiku³¹; ta' iżjed komplementarjetà bejn l-atturi nazzjonali u internazzjonali biex jżied il-volontarjat transfruntier u biex il-volontarjat nazzjonali jintrabat aħjar mas-SVE.

Sabiex jirrifletti dawn il-prijoritajiet, id-Djalogu Strutturat tal-UE maż-żgħażaġh għandu jippromwovi l-inklużjoni taż-żgħażaġh kollha f' soċjetajiet tolleranti, diversi u demokratiċi. Id-Djalogu li jmiss irid jilħaq udjenza ferm usa' ta' gruppi ta' żgħażaġh, speċjalment lil dawk li ma kinux involuti fid-Djalogu sa issa, fost l-oħrajn permezz ta' għodod inqas eżiġenti ta' involviment li jkunu mfassla apposta skont il-ħtiġijiet u d-drawwiet taż-żgħażaġh.

Il-politika dwar iż-żgħażaġh fi ħdan aġenda usa' tal-UE

Il-politika dwar iż-żgħażaġh ma tistax taħdem f' iżolament. Huma essenzjali l-kooperazzjoni u l-komplementarjetà ma' politiki bħax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ, is-saħħa u l-benesseri, il-kultura, il-midja diġitali, l-iżvilupp sostenibbli, iċ-ċittadinanza u l-isport.

Il-qafas ta' kooperazzjoni jista' jirfed din il-kooperazzjoni permezz tal-mekkaniżmi tiegħu. Bil-Pjan ta' Ħidma tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw u jirfinaw iżjed l-istrutturi u l-metodi ta' ħidma transsettorjali. Dan jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali fil-qasam taż-żgħażaġh: il-ħolqien ta' iżjed opportunitajiet u ta' opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva, tal-inklużjoni soċjali u tas-solidarjetà taż-żgħażaġh kollha.

Il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh għandha tkun parti minn aġenda politika usa' għaż-żgħażaġh. Sabiex ikun hemm impatt reali, dawk li jfasslu l-politika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri jridu jaħdmu flimkien mal-prattikanti tal-qasam, mal-fornituri tas-servizzi, mal-edukaturi u man-negozji fuq il-post biex b'hekk jimmobilizzaw ir-riżorsi u l-fondi sabiex tintlaħaq massa kritika ta' żgħażaġh. Dawn għandhom jimmiraw li jwasslu soluzzjonijiet innovattivi għall-fenomeni kumplessi tal-emarġinazzjoni, tal-esklużjoni soċjali u tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni.

³¹ Fil-livell tal-UE, minkejja l-irdoppjar tal-għadd ta' benefiċjarji fis-SVE, il-volontarjat transfruntier għadu ftit li xejn.

Fl-aħħar nett, hemm bżonn urġenti li jiżdiedu l-isforzi. Sabiex iżjed żgħażaġh jiġu offruti l-prospettiva ġenwina li jsiru membri sħaħ u involuti tal-komunitajiet tagħhom, jeħtieġ li jkun hemm approċċ komprensiv li jkun paripassu mal-isfidi eżistenti. Dan jirrikjedi li jkun hemm aġenda koerenti ta' politika, appoġġata mill-Erasmus+, mill-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE b'involvement akbar, fosthom il-FSE u l-YEI. Ir-riżorsi nazzjonali u reġjonali jridu jappoġġaw dawn l-isforzi meta dan ikun possibbli.
